# Temporale

VICTOR FENECH

Bis-saba' tal-kundanna l-poplu Ruman sallab/ħaraq l-ewwel Insara fi żmien imbiegħed. U l-erwieħ-martri telgħu kor tnejn tnejn – ħamiem abjad/ilsna nar – lejn il-premju mwiegħed. (U Neruni xeher għalxejn).

Illum minn Via Nazionale ġejt fuq il-Kolossew iswed bl-*exhaust*. Ix-xita siblet f'daqqa, tisrip/riefnu/ragħad ifaqqa' – f'dillierju deher dal-post! Fir-riċess ta' waħda mill-ħnejjiet tħarrket ħamiema bajdanija tistkenn mit-taqliba sajfija li ħakmet bla twissija.

It-tbarqim tagħha ma kienx għall-martri antiki bħal fossili fil-blat; pjuttost kien karba-sogħba għall-istat ta' tempju hekk grandjuż illum priġunier silenzjuż bejn mijiet ta' vetturi ġġammjati – bħal swaba' ta' kundanna – iqaħqħu l-karbon monossidu f'tarantella tal-fgati.